MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-21 ta' April, 2006

Numru. 56/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**v**

**JOSEPH AGIUS bin John Mary u Ursola nee’ Cassar, imwieled fit-tlieta w ghoxrin ta’ April 1941 u residenti St. Joseph, Triq il-Madonna tac-Cicri, Zebbug, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 34541(G).**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **JOSEPH AGIUS** bin John Mary u Ursola nee’ Cassar, imwieled fit-tlieta w ghoxrin ta’ April 1941 u residenti St. Joseph, Triq il-Madonna tac-Cicri, Zebbug, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 34541(G), gie mressaq quddiemha u akkuzat talli fis-26 ta’

Dicembru, 2005 ghal habta tal-hamsa w ghoxrin ta' filghaxija, fi Triq il-Madonna tac-Cicri, Zebbug, Ghawdex;

1. Kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

2. Hedded bi kliem lil Lucy Saliba miz-Zebbug;

3. Insulenta verbalment u ngurja lil Lucy Saliba bi kliem;

Il-Qorti giet gentilment mitluba li barra li f'kaz ta' htija tapplika l-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-kwerelanti Lucy Saliba imsejjha diversi drabi ma deheritx sabiex tikkonferma l-kwerela taghha.

**Ghalhekk, il-Qorti wara li rat l-artikolu 339(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddecidi billi tiddikjara li ma ssibx lil imputat JOSEPH AGIUS hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------